30 ta' Mejju, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Carmelo Micallef** *versus* **Brigadier John Belle Mc Cance ne.**

## Danni — Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Rikonoxximent tad-Dejn — Prova — Impjegat tal-Gvern — Kuruna — Art. 2258 u 2238 tal-Kap. 23, u Proklama I ta' l-1815.

*L-azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux kaġunati b'reat taqa' bil-preskrizzjoni f'eghluq sentejn li jibdew jgħaddu minn meta ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu.*

*Jekk id-debitur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha tkun miexja l-preskrizzjoni, huwa jinterrompi l-preskrizzjoni. Imma l-prova ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni għandu jagħmilha l-attur, li kontra tiegħu tkun ġiet eċċepita l-preskrizzjoni.*

*Il-fatt li l-pretiż debitur jaċċetta li jikkunsidra l-kwistjoni, u anki jitlob stima tal-pretiżi danni u jagħmel xi verifiki tagħhom, ma jammontax għal rikonoxximent tad-dejn u għal interruzzjoni tal-preskrizzjoni, jekk fil-waqt li għamel dawk l-atti huwa dejjem iddeklina r-responsabilità tiegħu għad-danni reklamati. Biex l-atti tad-debitur jiġu interpretati bħala rikonoxximent tar-responsabilità tiegħu, jeħtieġ li jkunu univoċi; u ma jistgħux jissejħu univoċi dawk l-atti meta huma akkompanjati minn dikjarazzjoni reiterata ta' ċaħda ta' responsabilità għad-danni pretiżi.*

*L-operat ta' l-impjegat tal-Gvern ma jorbotx lill-Kuruna, jekk ma jirriżultax li dak l-operat kien jipproċedi mill-Gvern innifsu, jew li sar bl-awtorizzazzjoni bil-miktub ta' l-istess Gvern.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi bix-xogħlijiet li saru fit-triq li tgħaddi minn Selmun għal Campbell Fortress id-direzzjoni u t-tqassim ta' l-ilma gie alterat b'manjiera tali illi fil-każ ta' xita qawwija r-raba' tiegħu l-Mistra (Government Plots 2 and 3) gie espost għall-inondazzjoni u għad-danni gravi li jkunu kaġunati mill-inondazzjoni; u illi fl-20 ta' Novembru 1945, ir-raba' tiegħu gie inondat u sofra danni konsiderevoli; u illi fit-30 ta' Awissu 1946 huwa gie avżat illi sejrin isiru xi xogħ-

ijiet biex jitneħħa l-perikolu, u mbagħad, wara ħafna terġiversazzjonijiet, waslu, bejn Ottubru u Novembru 1947, għal ftehim mal-perit imqabbad minnu rigward ix-xogħlijiet illi kellhom isiru, imma sussegwentement il-konvenut naqas mill-ftehim u ried jiċħad kwalunkwe responsabilità; talab li (1) jiġi dikjarat u deċiż illi bix-xogħlijiet imsemmija l-konvenut ippreġudika l-proprjetà tiegħu (ta' l-attur) li tinsab esposta għall-perikolu ta' inondazzjoni; (2) li l-konvenut jiġi kundannat li jagħmel ix-xogħlijiet neċessarji biex dan il-perikolu u preġudizzju jitneħħa; (3) li l-konvenut jiġi dikjarat responsabili tad-danni sofferti minnu (mill-attur) fl-inondazzjoni ta' Novembru 1945, u kundannat iħallas is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti bħala riżarċiment tad-danni. Bl-imgħax jiet legali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-17 ta' Novembru 1951, li biha dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut nomine kontra t-tielet talba ta' l-attur, u ċaħdet l-istess talba bl-ispejjeż, u ordnat li t-trattazzjoni tal-kawża titkompla in rigward ta' l-ewwel u t-tieni talba, u li l-perit ikompli fl-eżekuzzjoni ta' l-inkariki li ġew lilu mogħtijin in rigward ta' dawk l-istess talbiet; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-preskrizzjoni invokata hi dik ta' l-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid illi l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux kaġunati b'reat taqa' bil-preskrizzjoni f'għeluq sentejn. Iż-żmien stabbilit fl-imsemmija dispożizzjoni jibda jiddekorri mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu;

Illi fil-każ preżenti dak il-fatt ġara, kif jgħid l-istess attur fl-att taċ-ċitazzjoni, fl-20 ta' Novembru 1945. It-talba għad-dikjarazzjoni tar-responsabilità tal-konvenut nomine għal dak id-dannu, u għar-riżarċiment tiegħu, ġiet avanzata fid-9 ta' Settembru 1948; u għalhekk ma hemmx dubju li ż-żmien għall-preskrizzjoni ddekorra; però wieħed għandu jara wkoll jekk il-preskrizzjoni ġietx kompjuta, l-għaliex il-kors tagħha seta' ġie nterrott, kif l-attur jippretendi li ġie;

Illi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni estintiva tista' tiġi tant mill-volontà tat-titolari ta' dritt kemm mill-volontà tal-preskriventi. L-art. 2233 jirrappreżenta l-każ ta' l-interruzzjo-

ni tal-preskrizzjoni da parti tat-titolari ta' dritt. Skond dak l-artikolu, il-preskrizzjoni hi interrotta b'kull att gudizzjarju prezentat fl-isem tat-titolar' tad-dritt, notifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix tiddekorri l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi hu bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu. L-art. 2238 u 2239 jikkontemplaw l-attività guridika idonea ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. L-art. 2238 jghid li l-preskrizzjoni hija interrotta jekk id-debitur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja;

Illi qabel it-talba maghmula bic-citazzjoni odjerna kien hemm att gudizzjarju fl-isem ta' l-attur, titolari tad-dritt, notifikat lill-konvenut nomine, u li minnu deher bic-car li l-attur kien fi hsiebu jzomm il-jedd tieghu; izda dak l-att, konsistenti f'ittra ufficjali, gie maghmul fl-20 ta' April 1948, wara li kien ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni; u peress li qabel dak l-att ma kienx hemm attijiet ohra gudizzjarji da parti ta' l-attur, ma jistax jinghad li kien hemm da parti tieghu interruzzjoni tal-preskrizzjoni, anki jekk huwa b'mezzi ohra wera l-hsieb li jzomm id-dritt, per ezempju, bil-kliem, jew anki bl-ittri privati. U dana ghaliex, la darba l-ligi tindika lit-titolari tad-dritt il-mezz idoneu biex jinterrompi gudizzjalment il-preskrizzjoni, dik in-norma, li biha l-ligi tirregola l-attività tieghu, ghandha karattru imperativ u assolut. Jikteb il-Pugliese, fil-ktieb tieghu "La Prescrizione nel Diritto Civile" :— "Ogni atto giudiziale interruttivo è indicato dalla manifestazione di volontà del titolare; ma non ogni qualunque manifestazione basta all'uopo, bensì quella sola che si eseguisce nelle forme e con quegli elementi costitutivi e integratori che la legge richiede: in altre parole, non è idonea ad interrompere la prescrizione qualsiasi generica manifestazione di volontà di conservare il diritto, ma quella specifica conformantesi alla disposizione della legge" (Parte I, Cap. IX, Sez. V, pag. 466);

Illi fil-kaz prezenti lanqas ma kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni jew rikonjizzjoni tad-debitu da parti tal-preskriventi. Mill-korrispondenza ezibita jirrizulta illi l-konvenut nomine mill-ewwel, u dejjem, baqa' jiddeklina kull responsabilità ghall-inondazzjoni li saret fl-gheliequ ta' l-attur u li, skond l-istess attur, ikkagunat id-dannu minnu pretiz; u me-

ta hu aċċetta, wara rikjesti ripetuti ta' l-attur, li jerġa' jikkunsidra *l-kwistjoni*, u talab ukoll li tiġi lilu *sottomessa stima taddanni* pretiżi, hu ddikjara biċ-ċar li dan kien qiegħed jagħmlu mingħajr-preġudizzju ta' din *il-pretensjoni* tiegħu li hu mhux *responsabili*, *la direttament* u lanqas *indirettament*, b'xi mod għal dawn id-danni;

Illi Joseph Micallef, hu l-attur, xehed li bosta drabi, meta *mar f'Kastilja biex ikellem* l-awtorità kompetenti dwar din il-kwistjoni, u kellem lill-impjegat Hare, dan, wara li kien jidħol ġewwa jkellem lil xi ħadd, kien joħroġ u jgħidlu : "*Tikkonfondu xejn, għax sejrin iħallsukhom*". L-imsemmi Hare iżda xehed li hu kien ikellem lil Major Robson, u dan kien jgħidlu :— "Tell them to wait; when the time comes, the matter *will be considered*"; u *allura* hu kien jgħid lill-imsemmi Giuseppe Micallef x'kien ikun qallu Major Robson, u kien juża l-kliem "qalilkhom stennew". Hare xehed ukoll illi seta' xi *darba qalilhom minn rajh* :— "Stennew, jekk *inthom tridu* titħallsu";

Illi r-rikonjizzjoni *interruttiva* għar-rinunzja għall-preskrizzjoni *kompita tista'* tkun *diretta* u *espressa*, b'dikjarazzjoni formali tal-volontà li jiġi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u taċita, b'fatti li fihom *infushom* immedjatament juru *dik il-volontà; u tista' tkun indiretta* jew *preżunta*, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibili mal-volontà tal-preskriventi li jikkontesta l-eżistenza u l-eżerċizzju tad-dritt. Ir-*rinunzja taċita* hi kwistjoni *tal-volontà preżunta tad-debitur*, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruħu b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt;

*Illi minn* dak li ntqal aktar il fuq jidher ċar illi la tirriżulta r-rikonjizzjoni diretta u espressa b'dikjarazzjoni formali, la r-rinunzja ndiretta taċita, għaliex ma jirriżultax li l-*konvenut nomine* għamel xi fatt li fih innifsu juri l-volontà li jirrikonoxxi d-dritt ta' l-attur, billi kull meta għamel xi ħaġa, per eżempju meta aċċetta li jerġa' jikkunsidra l-kwistjoni, u *meta talab* l-istima, dan għamlu b'dikjarazzjoni preċiża u ċara li hu qiegħed jagħmlu mingħajr preġudizzju tal-pretensjoni tiegħu li mhux *responsabili* għad-danni; u lanqas ma tirriżulta *r-rinunzja* ndiretta jew preżunta, billi ma hemm xejn fl-aġir ta' l-istess konvenut nomine inkompatibili mal-volontà

li jikkontesta d-dritt ta' l-attur; anzi hu, fl-aġir tiegħu, dejjem wera li żamm dik il-volontà. Ċertament ir-rikonjizzjoni 'diretta tacita jew indiretta preżunta ma tiflaċċax mill-kliem ta' Major Robson "the matter will be considered", jew minn dawk ta' Hare—li lanqas ma seta' jobbliga l-Awtorità—"stennew" jew "stennew jekk tridu tithallsu"; għaliex f'dan id-diskors ma hemm xejn inkompatibili mal-volontà tal-konvenut nomine li jirreżisti l-pretensjoni ta' l-attur, speċjalment meta wiehed jikkunsidra li fil-korrispondenza li għaddiet fl-istess żmien bejn l-attur u l-konvenuti nomine, dan kien dejjem jirripeti li ma kienx responsabili għad-danni in kwistjoni, u jekk hu aċċetta li jikkunsidra l-kwistjoni, dan qiegħed jagħmlu mingħajr preġudizzju ta' dik il-pretensjoni tiegħu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur fol. 132, u l-petizzjoni tiegħu li fiha talab ir-revoka tad-deċiżjoni fuq imsemmija, u li l-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut tiġi miċħuda, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni devoluta lil din il-Qorti tirrigwarda l-preskrizzjoni bijennali, eċċepita kontra t-tielet talba u akkolta mill-Ewwel Qorti;

Ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet illi t-terminu preskrizzjonali għadda, għaliex il-fatt li minnu suppost li oriġinaw id-danni li minnhom jilmenta l-attur avvera ruħu, "ex admissis", fl-20 ta' Novembru 1945, mentri l-ewwel att ġudizzjarju ta' l-attur kien dak fol. 22, fl-20 ta' April 1948, wara l-għeluq tas-sentejn, u kwindi bla effikaċja interruttiva;

Tibqa' għalhekk il-kwistjoni—dik dibattuta f'din is-sedi—jekk kienx hemm interruzzjoni mill-parti tad-debitur skond l-art. 2238 Kap. 23 Edizzjoni Riveduta;

L-attur jippretendi li kien hemm din l-interruzzjoni, u jibbaża din il-pretensjoni tiegħu fuq żewġ ċirkustanzi, ċjoè (1) illi l-konvenut nomine aċċetta li jikkunsidra l-kwistjoni, bagħat rappreżentanti tiegħu fuq il-post fejn suppost sar id-dannu, talab stima tad-danni, u għamel verifiki ta' l-istat tal-post fuq ilmenti ta' l-attur, u (2) l-impjegat tad-Dipartiment, ċjoè ċertu Hare, qal kliem li, skond l-attur, jammontaw għal rikonoxximent;

Ma hemmx dubju li, kif jgħidu Marcadè u Pont (Spiegaz. Teor. Prat. Cod. Nap., Vol. XI, p. 190, para. 179), "........... nel caso di contesa sulla circostanza della esistenza della ricognizione, *la prova appartiene a colui che la invoca*..........." — f'dan il-każ lill-attur;

Ma jidherx li l-attur laħaq b'xi mod din il-prova. Infatti, mill-korrispondenza eżibita jidher ċar li l-konvenut *nomine* ma għamilx ħlief, fuq l-ilment ta' l-attur, jivverifika dak l-ilment, u fuq rikjesti reiterati ta' l-istess attur talbu stima tad-danni, naturalment biex il-kwistjoni tiġi kunsidrata u, verosimilment, jekk tkun ħaġa żgħira, jikkuntenta l-attur; imma dan sar dejjem bir-riżerva espressa bil-miktub tad-deklinazzjoni tar-responsabilità. Fuq l-ewwel ittra ta' l-attur, fol. 6 id-Dipartiment investiga l-ilment ta' l-attur, u bl-ittra fol. 8 għarrfu illi "I could not find any grounds whatever for the suggestion that the repairs of the road have altered the existing arrangements for draining off rain-water". L-attur baqa' jippressa, bl-ittra fol. 9; id-Dipartiment reġa' eżamina l-kwistjoni, u reġa' għarraf lill-attur f'dan is-sens: "It is submitted, in view of the foregoing, that the War Department is in no way responsible for flooding of fields owned by your client Carmelo Micallef" (fol. 12). L-attur, però, ma ikkuntentax, u reġa' kiteb lid-Dipartiment (fol. 13), u dan għarrfu (fol. 14) li l-kwistjoni kellha terġa' tiġi kunsidrata, iżda "without prejudice to this Service letter of even reference dated 24th. December, 1946, addressed to Dr. George Zammit........" L-ittra riferita hi dik fol. 12, fejn id-Dipartiment iddeklina kull responsabilità. Saru inkontri oħra, iżda d-Dipartiment reġa' spiċċa biex irripudja kull responsabilità bl-ittra fol. 18, fejn jintqal: "The question of the alleged flooding has been very carefully considered, and a further visit made to the site after recent rains; as a result of which the War Department is of opinion that it is in no way, directly or indirectly, responsible for the alleged damage". L-attur baqa' jinsisti, u bl-ittra fol. 19 id-Dipartiment kiteb lill-attur dan :— "Without prejudice to the War Department's contention that it is neither directly nor indirectly responsible for any of these damages, it is suggested that you submit an estimate of what you consider would be the cost of your suggested remedial work, together with the

value of the alleged damage to fields". Għandha tiġi notata mhux biss ir-riżerva espressa eskludenti minn kull responsabilità, imma anki l-kelma "alleged", li hi proprju l-kuntrarju ta' ammissjoni. Meta l-attur bagħat din l-istima, id-Dipartiment irrisponda bl-ittra *fol.* 21, u qallu :— "The War Department is in no way responsible for the alleged damages, and therefore no further action can be taken". Imbagħad l-attur għamel l-ittra uffiċjali fuq riferita;

Bl-ebda sforz ta' bon sens u tal-loġika ġuridika ma jista' jingħad li l-attijiet kompjuti mid-Dipartiment konvenut jistgħu jammontaw għal rikonoxximent interruttiv kontemplat mill-liġi, meta hemm, il-ħin kollu, akkompanjanti kull att, dikjarazzjoni li biha qiegħda tiġi respinta r-responsabilità. Biex l-attijiet tad-debitur jiġu nterpretati bħala rikonoxximent, jeħtieġ li jkunu univoċi (ara sent. App. Inf. "Dr. Caruana vs. Spiteri", 7. 1. 1939); "multo minus" hemm rikonoxximent fil-każ preżenti, meta hemm dikjarazzjoni espressa reiterata in kuntrarju. Il-Baudry-Lacantinerie (Tratt. Teor. Prat. Dto. Civ., paġ. 393 et seq.) jikkontempla diversi każijiet fejn tidħol il-kwistjoni tar-rikonoxximent, u jgħid (ara nota (3) paġ. 393) illi :— "Dei semplici colloqui tra creditori e debitori non potrebbero evidentemente implicare il riconoscimento del debito". Aktar tard hu jeżamina każijiet ta' assikurazzjonijiet kontra inċendji, u jasal għall-opinjoni illi, anki jekk il-kumpannija tas-sikurtà, fuq talba ta' l-assikurat li jkun sofra inċendju, taderixxi għan-nomina ta' periti biex jistmaw id-danni, ma hemmx ostakolu għad-dekadenza, jiġifieri ma hemmx rikonoxximent, "se sono fatte delle espresse riserve su questo punto dalla compagnia al tempo della nomina" (p. 395) ; u jiċċita, in sostenn ta' din l-opinjoni tiegħu, sentenza tat-Tribunal ta' Tolosa u oħra tat-Tribunal ta' Pariġi;

Jibqa' l-allegat diskors ta' l-impjegat Hare;

L-ewwelnett, ma hu xejn aflattu pruvat li ntqal id-diskors li jippretendi l-attur. Dan jgħid (fol. 106 tergo) li hu kien imur il-Kastilja, kien ikellem lil Hare impjegat hemm, dan kien imur ikellem is-superjuri tiegħu, u mbagħad kien jgħidlu li x-xogħol kien sejjer isir u li kienu sejrin iħallsuh. Joseph Micallef, hu l-attur, fol. 109, qal li anki hu kien ikellem lil dan Hare, li kien jidħol ġewwa jkellem lil xi ħadd u mbagħad

joħrog u jgħidlu "tikkonfondu xejn għax sejrin itħallsukhom" L-impjegat Hare xehed u qal li, f'dawn l-okkażjonijiet hu kien jidħol ikellem lil Major Robson, u dan kien jgħidlu biex jgħid lill-attur jew lil ħuh :— "Tell them to wait; when their turn comes the matter will be considered". Hare kompla jgħid li jista' jkun li minn jeddu, u mhux għax qallu hekk Robson, hu kien qal lil Giuseppe Micallef "*jekk ikollu raġun jitħallas*";

Issa x-xhieda ta' Hare hi ferm verosimili. Hu ċar li l-attur jew ħuh kienu jmorru ta' spiss Kastilja. Major Robson naturalment ma setax jgħidilhom ħlief il-kliem li hu qal lil Hare biex jirriferilhom, u li Hare semma fix-xhieda tiegħu. Jista' jkun li Hare, pressat mill-attur jew ħuh, aktarx biex wieħed ikun ġentili milli ħaġa oħra, kien jgħidilhom "minn rajh" li jekk kellhom raġun jitħallsu;

Ċertament dawn il-kliem ta' sempliċi impjegat ma jistgħux jorbtu l-*Kuruna; għaliex, fit-tieni lok,* għadu viġenti hawn Malta, almenu fit-tieni u fit-tielet artikolu tiegħu, il-Proklama nru. 1 ta' l-1815, skond liema art. 2 "no act of any servant of the Crown, unless it be clearly proved that such act proceeded from Government itself, and that the person so acting had a *written authority from Government for such act*" (ara, kwantu għall-fatt li dan il-Proklama għadu in vigore, is-sentenza ta' din il-Qorti "Desain vs. Forbes", 7 ta' Jannar 1935, u Chronological Index of Laws—Rev. Ed. p. XV). Għalhekk, ankorkè kellu jiġi ritenut pruvat (dak li ma kienx) li kien hemm dawn il-kliem, dawk ma jistgħux jorbtu l-Kuruna, ċjoè lid-Dipartiment konvenut. Kien ikun divers il-każ kieku dawn il-kliem intqalu f'korrispondenza uffiċjali, jew minn uffiċjal li kellu l-fakoltà li jivvinkola lid-Dipartiment;

*Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ssib sewwa* l-pronunċja ta' l-Ewwel Qorti, li biha ġiet akkolta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut nomine kontra t-tielet talba ta' l-attur u miċħuda l-istess talba bl-ispejjeż; u konsegwentement tiċħad l-appell ta' l-attur u tikkonferma dik is-sentenza bl-ispejjeż kontra l-attur; u tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.